MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 574/2003/1

**Peter Plant Limited**

**vs**

**Ramel u Zrar Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet l-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' t'elef, seba' mija u sitta u sebghin liri Maltin (Lm4776) rapprezentanti somma dovuta lis-socjeta' attrici ghall-garr u trasport ta' materjal fuq inkarigu taghhom.

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn ecceppiet illi:

1. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi dak li ntrema kien terrapien tal-blat tal-franka u kwindi skart bla valur u jekk se mai huwa dovut hlas dan huwa dovut mis-socjeta’ attrici lill-proprjetarja tal-post fejn ikun intrema, cioe’ lis-socjeta’ konvenuta.
2. Bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa esagerat minhabba illi l-ispejjez tat-trasport gew kalkolati hazin;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta’l-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta illi, filwaqt li l-kumpannija attrici, kif rapprezentata minn Peter Montebello, qed tippretendi illi sar ftehim verbali specifiku ma’ Gaetano Abdilla, rapprezentant tal-kumpanija konvenuta permezz ta’ liema ftehim il-kumpannija attrici kellha tqatta’ blat tal-qawwi minn fejn kienet qed tiskava go Birzebbugia, kellha twassal l-istess blat fil-barriera tal-konvenuti u kellha tithallas rata ta’ hamsa u hamsin centezmu (55c) kull tunnellata, il-konvenuti jsosstnu ftehim ferm differenti bejn ir-rapprezentanti rispettivi dwar x’ kellu jsir mill-materjal illi kien qed jiskava Peter Montebello ghall-kumpannija attrici.

Il-konvenuti jsosstnu illi l-materjal li kien qed jigi skavat, ossia l-blat li kien qed jigi mqatta' ma kienx blat tal-qawwi, izda kien blat tal-franka u li ma kienx tajjeb biex jinhadem ghaz-zrar u ramel mill-kumpannija konvenuta u l-kuntatt ma'l-atturi kien sar anzi, sabiex il-konvenuti joffru l-barriera taghhom lill-atturi biex dawn ikollhom fejn jarmu l-materjal u kienu qed jistennew illi huma, ta' din il-koncessjoni anzi jithallsu minghand l-atturi bl-istess rata li l-atturi kienu qed ihallsu lill-haddiehor biex jarmu l-materjal li kienu qed iqattghu.

Ghalhekk ghandna zewg verzjonijiet illi huma ezattament opposti ghal xulxin. Fejn l-atturi jippretendu illi huma kellhom jithallsu tat-trasport u konsenja tal-blat, il-konvenuti qeghdin jippretendu illi ghandhom huma jithallsu mill-atturi talli kkoncedew illi jircievu l-materjal skavat mill-atturi u li dan jintrema fil-barriera taghhom.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet il-Qorti trid tgharaf liema hija l-iktar verosimili billi tkun dik li hija iktar sorretta mill-provi l' ohra prodotti u mic-cirkostanzi l' ohra tal-kaz u kwalunkwe ndizzju iehor li jista' jkun rilevanti ghal din il-kwistjoni.

Evidentement billi din l-azzjoni giet proposta mill-kumpannija attrici jispetta lil din il-kumpannija li fl-ewwel lok iggib bizejjed provi biex issostni almenu l-probabilita' li effettivament kien sar il-ftehim minnha allegat.

Biex tasal ghal dan, il-kumpannija attrici strahet esklussivament fuq id-deposizzjoni ta' Peter Montebello u fuq il-kopji ta'l-fatturi illi allegatament il-kumpannija attrici kienet tibghat regolarment lil kumpannija konvenuta anke permezz ta' posta registrata, bl-ewwel invoice, dik indikata bhala dokument PM 1, a fol 52 tal-process, tigbor dettaljatament in-numru ta' vjaggi li saru u l-piz relattiv taghhom, bl-ammont komplessiv fis-somma ta' erba'telef, seba' mija u sitta u sebghin lira Maltin (LM4,776) li l-atturi qeghdin jitolbu minn ghand il konvenuti f' dan l-avviz.

Izda kien mistenni mill-kumpannija attrici mhux biss illi tindika biss l-ammont ta' vjaggi u l-piz ta' materjal illi

tallega li ttrasportat lil konvenuti, izda, kif isir f' kazijiet simili, illi ma kull vjagg u ma kull depositu ta' materjal illi kien isir mill-konvenuti, kellha tottjeni konferma minghand il-kumpanija konvenuta dwar kull vjagg u dwar kull piz relattiv ta' blat tal-qawwi illi hija kienet qed tikkonsenja bi hlas lil konvenuti.

Infatti Peter Montebello stess fid-deposizzjoni tieghu jirrikonoxxi l-utilita' ta tali dokumenti. Infatti jsosstni bil-gurament illi kull meta kien itellgha l-vjaggi kien ikun hemm rapprezentant tal-kumpannija konvenuta biex jiccekkja l-vjaggi u kien jimmarkalhu l-karti ; infatti jallega hekk *;"jiena hrigt il-kont minn fuq il-karti illi ghandi illi huma mmarkati mill-ufficju tal-konvenuti"*.

Pero' f' ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma' gew ipprezentati dawn id-dokumenti illi kienu jikkostitwixxu prova tajba ghal min ikun qed isosstni illi qed ibiegh il-materjal li kien ser jigi pprocessat u mhux iktar identifikat u li tieghu kien qed jippretendi hlasijiet sostanzjali.

Minn naha l' ohra pero', ghalkemm lanqas ma jirrizulta illi zammew xi dokumenti in konferma tal-kwantita' ta' materjal li ntrema fil-barriera taghhom bhala skart, jirrizulta illi, permezz ta' l-affidavit ta' Silvio Buttigieg, Carmelo Abdilla, Joseph Zahra, il-Perit Mariello Spiteri u ta' l-istess Gaetano Abdilla, il-konvenuti waslu ghall-prova bizzejjed biex jirribattu l-allegazzjoni ta' l-attur illi effettivament il-materjal ossia blat, li kien qed jigi skavat mill-kumpannija attrici ma kienx blat tal-qawwi, izda kien tal-franka jew materjal iehor illi ma kienx tajjeb biex jigi processat ghar-ramel u zrar.

Ghaldaqstant: -
Il-Qorti ssib li l-kumpanija attrici ma wasletx ghall-prova minnha rikjesta dwar il-ftehim verbali minnha allegat, anzi ssib illi hija iktar versimili l-verzjoni kif opposta mill-kumpanija konvenuta.

Konsegwentement filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi."

Il-lanjanza ewlenija tas-socjeta` attrici fil-konfront ta' din is-sentenza hi dik li l-ewwel Qorti injorat il-versjoni ferm aktar kredibbli taghha. Minn dan l-assunt titlaq biex tiddelineja dawk li, skond hi, kienu n-nuqqasijiet ta' l-ewwel Qorti fir-ragonament taghha. Biex tillustra dan, is-socjeta` appellanti tissottometti illi:-

(i) Il-fatt li ma pproducietx dokumenti li jikkonfermaw il-vjaggi li saru u l-piz taghhom hu supplimentat mill-fatt li l-kumpanija konvenuta kienet tibghat ir-rapprezentant taghha;

(ii) Id-dokumenti minnha prezentati ghandhom jitqiesu kotba tal-kummerc u, allura, kellhom valur probatorju li ma setax jigi injorat;

(iii) Ma nghatat ebda spjegazzjoni ghaliex il-Managing Director tas-socjeta` konvenuta mar jivverifika l-blat u offra l-hlas;

(iv) Is-socjeta` konvenuta qatt ma pprotestat il-kontijiet li ntbaghtulha;

B' dawn is-sottomissjonijiet is-socjeta` appellanti stiednet lil din il-Qorti biex tevalwa l-provi mill-gdid u tghaddi biex taccetta l-versjoni taghha bhala l-aktar wahda kredibbli u sorretta mill-provi;

Mill-kontenut tas-sentenza huwa apparentement car hafna illi l-ewwel Qorti, wara li vvalutat bir-reqqa l-provi kollha, waslet ghal konkluzjoni illi z-zewg versjonijiet prezentati quddiemha kienu dikametrikalment opposti u, aktar importanti minn hekk, illi, distillati dawn l-istess provi, il-versjoni fornita mis-socjeta` konvenuta kienet aktar verosimili;

Dan premess, ma jidherx li tezisti l-htiega li l-fatti tal-kawza jerghu jigu hawn riprodotti, anke ghaliex dawn, sostanzjalment, jinsabu sew riportati fis-sentenza appellata. Forsi jibbasta li jigi senjalat illi z-zewg socjetajiet kontendenti jiddivergu fuq l-elementi essenzjali kollha tar-rapport negozjali ta’ bejniethom;

Proprju *in calce* ghall-appell taghha s-socjeta` appellanti taghmel, b’ suffragju ghall-aggravji taghha, referenza ghall-principji generali in materja tal-provi. Issa, jekk hemm bzonn jigi hawn ripetut, il-Kodici ta’ Procedura jistatwixxi fl-Artikolu 558 *et sequitur* dawk li huma meqjusa bhala r-regolamenti tal-provi. Senjatament, li “l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah” (Artikolu 562). Din in-norma ssib il-bazi taghha fir-regola tradizzjonali pacifika “*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*”. Regola bhal din tesprimi certament l-esigenza logika li tqieghed a kariku tal-parti li tallega fatti ghas-sostenn tal-posizzjoni taghha illi ggib il-prova ta’ l-ezistenza taghhom. Oneru dan impost fuq il-partijiet kollha in kawza: kemm fuq dawk atturi, li jsostnu fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-fondament tad-dritt azzjonat (“*actore incumbit probatio*”), kemm fuq dawk, konvenut, ghas-sostenn ta’ fatti migjuba b’ fondament ghall-eccezzjonijiet sollevati biex jikkontrastaw il-pretiza ta’ l-attur (“*reus in excipiendo fit actor”*). Proprju “ghax *reus in excipiendo fit actor* il-fatt minnu allegat, li jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offerta, ghandu jigi pruvat minnu (il-konvenut)”. (“**Francesca Mallia -vs- Salvatore Guillaumier**”, Appell, 12 ta’ Jannar 1962);

Precizata din il-preambulari ghall-aggravju sottomess, in sostanza t-tezi tas-socjeta` appellanti hi dik li l-versjoni tar-rapprezentant taghha kellha titqies aktar verosimili. Oltre dan, tissottometti wkoll illi l-kontroparti ma offrietx spjegazzjonijiet dwar certi affermazzjonijiet li saru mill-istess socjeta` appellanti u ma pprotestatx il-kontijiet li ntbaghtulha. Ma’ dan izzid ukoll li l-kotba tal-kummerc taghha kienu ezatti u sufficjenti ghal dak li hu valur probatorju. Konsegwentement, tipprocedi biex tattakka l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-provi li sar mill-ewwel Qorti;

Issa, kif inhu risaput, l-appell lil din il-Qorti ta’ revizjoni hu wiehed generali u jista’ jsir kemm fuq punti ta’ dritt kif ukoll ta’ fatti. Dmir ta’ din il-Qorti hu li tara jekk l-apprezzament tal-Qorti ta’ l-ewwel istanza kienx sew indirizzat fuq l-elementi tal-provi li gew prodotti u jekk, kif qed tigi mistiedna, ghandhiex tissindika d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti dwarhom u, f’ kaz li jidhrilha hekk xieraq u ghal motiv gravi, skond ir-rizultanzi, tissostitwixxi ghaliha d-decizjoni taghha;

Ghandu qabel xejn jigi osservat in linea ta’ massima illi s-setgha diskrezzjonali dwar l-apprezzament tal-provi, xhieda jew dokumenti hi necessarjament investita fil-Qorti adita mill-kwestjoni fil-mertu. Li jfisser illi meta dik il-Qorti ssib bhala fatt li ma ghandhiex toqghod fuq il-provi ta’ l-attur jew li ma gietx provvduta bit-taghrif kollu mehtieg biex jigi sorrett il-fatt kostitutiv imqieghed ghab-bazi tat-talba, hi ghandha s-setgha li tiddetermina, fid-diskrezzjoni gudizzjarja taghha, li tonqos il-prova, jew li din hi insodisfacenti, jew li ma tikkostitwix l-ahjar prova;

F’ dan il-kaz, l-ewwel Qorti, korrettement hafna fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, ma sabietx li x-xhieda ta’ Peter Montebello, rapprezentant tas-socjeta` attrici appellanti, kienet attendibbli. Apparti li din tinsab sew ikkuntrastata mix-xhieda tas-socjeta` konvenuta, kemm ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tal-ftehim negozjali, kemm ukoll ghan-natura tal-materjal trasportat u kkonsenjat, jigifieri, jekk kienx gebel tal-qawwi jew tal-franka, ma jonqosx li jigi notat illi, ghalkemm l-imsemmi rapprezentant xehed li s-socjeta` konvenuta kienet tibghat ir-rapprezentant taghha jiccekkja l-vjaggi u jimmarka l-karti li minnhom in segwitu hareg il-kont (fol. 10), huwa naqas imbaghad milli jipproduci dawn l-istess karti ghat-tishih ta’ l-allegazzjoni tieghu. Dan, u aspetti ohra tal-provi, jew tal-mankanza taghhom, jinsab sew spjegat fis-sentenza appellata u ma jidherx li hu necessarju li din il-Qorti toqghod tirrepetihom. Tillimita ruhha biss biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet agguntivi:-

I. L-i*statements* u *invoices* esebiti mis-socjeta` appellanti (fol. 52 sa fol. 59 u fol. 63 sa fol. 65) ma jistax *per se* jikkostitwixxu xi prova inkonfutabbli, la tal-ftehim *ut sic* u wisq anqas ta' xi prova assoluta illi saru tabilhaqq dawk il-vjaggi b' dik ir-rata. Kien jaggrava zgur fuq is-socjeta` appellanti, in vista tal-kuntrast qawwi dwarhom, illi tipproduci prova affermattiva u konkreta bl-esebizzjoni tal-karti li hi ssostni li kienu hekk iffirmati minn min ha l-konsenja taghhom. Dan, intant, baqghet ma ghamlitux;

II. Il-pretensjoni tas-socjeta` appellanti, kieku kellha tigi akkolta, mhux biss tiddistruggi ghal kollox il-possibilita` ta' l-ezercizzju tad-diskrezzjoni vestita fil-Qorti adita imma taghti wiehed x' jahseb illi l-ewwel Qorti kellha bilfors tassumi illi l-kotba taghha kellhom jorbtu u li l-versjoni taghha kienet sagrosanta u inattakkabbli – dak li ma jidherx li hu l-kaz;

III. Fil-kumpless, ma jidherx li gew provvduti dettalji sodisfacenti tal-ftehim da parti tas-socjeta` appellanti jew disdetta tal-prattika kummercjali f' negozju ta' din ix-xorta, suggerita mis-socjeta` appellata. Dan inevitabilment iwassal biex dawk il-kotba tan-negozju u dawk il-provi tas-socjeta` appellanti ma jigux ritenuti attendibbli;

F' dawn ic-cirkostanzi u b' dawn ir-riflessjonijiet din il-Qorti tirritjeni li l-obbjezzjonijiet sollevati mis-socjeta` appellanti ma humiex sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikjara li qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------